MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 525/2012

**Favell Wines & Spirits Limited (C32343)**

**vs.**

**Michael Vella**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,742.62) – rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, ma

pprezentax risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba izda deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fit-18 ta' Settembru 2012.

Illi fl-istess seduta sema lill-konvenut jixhed bil-gurament fejn huwa ammetta t-talba attrici kif dedotta u kkonferma li ghandu jhallas lis-socjeta′ attrici s-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,742.62).

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett ta' tali ammissjoni u ddiferixxa t-talba ghas-sentenza ghas-seduta odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf, seba' mija u tnejn u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,742.62), bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------